ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2024**

**IT-TMIEN SENA L-ISTUDJI SOĊJALI L-ISKEMA TAL-MARKI**

## Taqsima A

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. valuri | 2. tar-reklami | 3. lokali | 4. bidla | 5. demokratiku |
| 6. il-popolazzjoni | 7. l-pluraliżmu | 8. soċjali | 9. konsumatur | 10. ugwaljanza |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima B

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. b | 2. a | 3. a | 4. b | 5. c |
| 6. b | 7. a | 8. c | 9. c | 10. b |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima C

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. veru | 2. falz | 3. veru | 4. falz | 5. falz |
| 6. veru | 7. falz | 8. falz | 9. veru | 10. falz |

**marka x 10 = 10 marki**

## Taqsima D

| Sitwazzjoni | Marki | **Tweġibiet** *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull tweġiba oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 2,2 | • Supply and demand – jekk id-domanda hi għolja u l-provvista hi baxxa, il-prezz ser jgħola;<br>• Ħaxix u frott impurtat ikun aktar għoli minħabba t-trasport. |
| 2. | 2,2 | • Jiġi żgurat ħlas ġust lill-ħaddiema;<br>• Jiġu mħarsa d-drittijiet tal-ħaddiema. |
| 3. | 2,2 | • Problemi fiżiċi – effett fuq l-għajnejn, fuq id-dahar, posture;<br>• Obeżità u nuqqas ta' moviment. |
| 4. | 2,2 | • Tintroduċi ruħha u l-ideat tagħha waqt assembly;<br>• Tagħmel poster dwarha u twaħħlu f'kull klassi. |

| | | |
|---|---|---|
| 5. | 2,2 | • Javviċina lill-guidance teacher jew xi għalliema li tgħallem dak is-suġġett partikolari;<br>• Jattendi talk li ssir l-iskola jew jattendi l-options fair għal aktar informazzjoni. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima E**

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull tweġiba oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 1 | Ħarġa mal-familja; Il-familja estiża; Il-bużnanna u n-neputijiet |
| 2. | 1,1,1,1 | *Erbgħa minn:*<br>• Tagħlim ta' regoli<br>• Tagħlim ta' normi ta' mġiba<br>• Tgħin biex ikollna post fejn ngħixu<br>• Naqsmu esperjenzi flimkien<br>• Nagħtu sapport lil xulxin<br>• Riproduzzjoni<br>• Soċjalizzazzjoni tal-ulied |
| 3. | 2,2 | Familja nukleari hi familja magħmula minn żewġ ġenerazzjonijiet – ġenituri u tfal jgħixu flimkien.<br>Familja estiża hi familja magħmula minn tliet ġenerazzjonijiet jew aktar li kollha jgħixu taħt l-istess saqaf. Din tista' tkun magħmula minn ġenituri, tfal, nanniet, zijiet u kuġini. |
| 4. | 2,2,2 | *Tlieta minn:*<br>• Familja ta' qabel kien ikollhom aktar tfal mentri llum il-ġurnata kull familja jkollha (jekk ikollha) wild wieħed jew tnejn.<br>• Inqas nisa kienu jaħdmu mil-lum.<br>• Il-familji kienu jsiefru inqas.<br>• Inqas ħruġ u divertiment mil-lum.<br>• Illum issib aktar familji b'ġenitur wieħed.<br>• Illum issib familji b'koppji tal-istess sess. |
| 5. | 3 | Familja simetrika hi familja fejn il-ġenituri flimkien jaqsmu t-tmexxija u d-deċiżjonijiet fid-dar. Iż-żewġ ġenituri jagħmlu x-xogħol tad-dar, jieħdu ħsieb it-trobbija tat-tfal kif ukoll it-tnejn li huma jaħdmu barra mid-dar. |
| 6. | 1,1,1 | *Tlieta minn:*<br>• Picnics flimkien bħala familja<br>• Safar (family holiday)<br>• Mixja, passiġġata flimkien<br>• Jieklu flimkien<br>• Ħarġa bir-roti<br>• Movie night |
| 7. | 1,1,1,1 | Drittijiet: dritt għall-imħabba; dritt għall-ikel, edukazzjoni u saħħa; dritt li jgħixu ma' familja, dritt għall-protezzjoni<br>Dmirijiet: li jgħinu fix-xogħol tad-dar; li jirrispettaw lill-ġenituri<br>*L-istudenti għandhom isemmu żewġ drittijiet u żewġ dmirijiet.* |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima F**

Fil-paragrafu, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu definizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat rilevanti. Il-25 marka jitqassmu kif ġej:

19-25 – Tajjeb ħafna
12-18 – Tajjeb
8-11 – Mhux ħażin
0-7 – Mhux tajjeb

| Mistoqsija | Marka | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull tweġiba oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1. | 25 | Il-bidla fil-popolazzjoni sseħħ permezz ta' 3 fatturi : li huma r-rata tat-twelid (birth rate), ir-rata tal-imwiet (death rate) u l-migrazzjoni.<br>• Ir-rata tat-twelid tirreferi għal kemm jitwieldu trabi kull 1000 persuna fil-popolazzjoni fuq medda partikolari ta' żmien. Din l-istatistika toħroġ minn ċensimenti li jsiru kif ukoll mid-data li tinġabar kull sena meta jiġu reġistrati t-twelidijiet.<br>• Ir-rata tal-imwiet tirreferi għal kemm imutu persuni kull 1000 persuna fil-popolazzjoni fuq medda partikolari ta' żmien. Jista' jkun hemm diversi fatturi għal dawn l-imwiet – età, mard, gwerer, terremoti u epidemiji.<br>• Migrazzjoni sseħħ meta jkun hemm ċaqliq ta' persuni minn pajjiż għall-ieħor. Permezz tal-immigrazzjoni, il-popolazzjoni tiżdied filwaqt li bl-emigrazzjoni, il-popolazzjoni tonqos. |
| 2. | 25 | Ix-xogħol huwa attività li jagħmel il-bniedem biex jaqla' l-għajxien tiegħu . Matul iż-żminijiet in-natura tax-xogħol inbidlet.<br>Fil-fażi pre-industrijali nsibu li l-ekonomija kienet aktar ibbażata fuq sajd u agrikoltura kif ukoll xogħlijiet oħra marbuta mas-settur primarju. Ħafna mix-xogħol kien manwali u l-ftit għodda u makkinarju li kienu jintużaw kienu wkoll magħmula bl-idejn.<br>Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tavvanza t-teknoloġija u bdew jinħolqu għodod li jipproduċu prodotti differenti f'anqas ħin u ta' kwalità aħjar. Hawnhekk bdiet l-industrijalizzazzjoni fejn ix-xogħol aktar beda jkun ibbażat fuq il-manifattura.<br>Fiż-żmien post-industrijali nsibu li x-xogħol kompla jiddiversifika ruħu permezz ta' speċjalizzazzjoni ta' servizzi kif ukoll użu ta' teknoloġija u riċerka xjentifika. |
| 3. | 25 | *L-istudenti jagħżlu tnejn minn dawn li ġejjin:*<br>• **Dittatorjat**: il-poter kollu jkun ikkonċentrat f'idejn partit politiku jew persuna waħda, li jista' jkun li tkun ħatfet lill-pajjiż bil-forza. Dan it-tip ta' gvern ikun immexxi minn dittatur, li jimponi poter bla limitu u ċ-ċittadin irid dejjem jobdi.<br>• **Monarkija**: huwa stat immexxi minn persuna tal-familja rjali bħal re jew reġina. Il-mexxej jakkwista l-poter għax ikun iben/bint ir-re jew reġina li jkunu qegħdin imexxu. Malli jmut re, it-tifel il-kbir awtomatikament jilħaq re hu. Illum il-ġurnata anki l-bniet qed jiġu rikonoxxuti li jieħdu t-tron u t-tmexxija f'idejhom ukoll. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • **Demokrazija** hija t-tmexxija mill-poplu – dan għaliex hi sistema ta' tmexxija li tagħti vuċi lin-nies. Permezz ta' elezzjoni iċ-ċittadin jivvota lill-kandidati li jiġu magħżula bħala rappreżentanti tal-poplu. F'demokrazija nsibu elezzjonijiet ħielsa; pluraliżmu; tmexxija mill-maġġoranza permezz tar-rappreżentanti taċ-ċittadin; rispett għad-drittijiet fundamentali; ugwaljanza; tolleranza; protezzjoni u sigurtà. Fil-każ ta' demokrazija, il-mexxej jista' jinbidel wara perjodu ta' snin skont kif jivvutaw in-nies. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Total: 100 marka**